

Industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u prestazzjoni ekonomika fl-Unjoni Ewropea

Rapport ta' Analiżi fil-Livell ta' Industrija
Ottubru 2016

Proġett konġunt bejn I-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u
I-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea





Industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u prestazzjoni ekonomika fl-Unjoni Ewropea

**Rapport ta' Analiżi fil-Livell ta' Industrija
Ottubru 2016**

Proġett konġunt bejn l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u
l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

Daħla

L-innovazzjoni hija l-punt fokali tal-”Ewropa 2020”, l-istrategġija tat-tkabbir ta’ għaxar snin adottata mill-Unjoni Ewropea li għandha l-għan li toħloq ekonomija aktar kompetittiva b’aktar impjegji. L-ilħuq ta’ dan l-għan jiddependi minn bosta fatturi differenti, iżda sistema effiċjenti ta’ drittijiet ta’ proprjetà intellettuali (IPR) bla dubju hija kklassifikata fost dawk l-aktar importanti, minħabba l-kapaċità li l-IP (proprjetà intellettuali) għandha biex tinkoraġġixxi l-kreattività u l-innovazzjoni fl-ekonomija kollha.

L-Ewropa diġà għandha tradizzjoni twila f’dan il-qasam: L-Istati Membri kemm tal-UE kif ukoll tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi kellhom rwol importanti fit-tfassil ta’ sistema moderna u bbilanċjata tal-IPR (dritt ta’ proprjetà intellettuali) li mhux biss tiggarrantixxi lill-innovaturi l-premju dovut lilhom iżda tistimula wkoll suq kompetittiv. Fid-dinja tal-lum ta’ swieq li qed isiru dejjem aktar globalizzati u l-ekonomija tal-għarfien, huwa vitali li jiġi żgurati li din is-sistema tibqa’ effettiva għall-implimentazzjoni ta’ politiki ġodda ta’ innovazzjoni. Sabiex jassistuna f’dan il-kompitu, huwa essenzjali li dawk kollha involuti jkollhom aċċess għal fatti u figuri preċiżi. B’hekk biss nistgħu niżguraw li d-dibattitu dwar ir-rwol tal-IP fl-appoġġ għall-innovazzjoni u l-kreattività jkun ibbażat fuq evidenza b’saħħitha.

Bi tweġiba għal dan il-bżonn ċar, fl-2013 l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (UEP) għaqqdu l-forzi tagħhom biex iwettqu studju li kkwantifika l-kontribuzzjoni li saret mill-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għall-ekonomija tal-UE. Is-sejbiet kixfu li industriji bħal dawn koprew 39% tar-riżultat ekonomiku tal-UE u 26% tal-impjegji matul il-perjodu tal-2008-2010, u dan jafferma l-valur tal-IP għall-ekonomija Ewropea.


Biex jiġi ssalvagwardjat il-valur dejjiemi ta’ studju bħal dan, kemm l-EUIPO kif ukoll l-UEP huma impenjati biex jiżguraw li l-aktar figuri u sejbiet riċenti jkunu disponibbli għal dawk kollha li jeħtieġu jifhmu l-valur tal-IPR għall-Ewropa. Dan l-istudju preżenti huwa għaldaqstant l-ewwel aġġornament mir-rapport oriġinali u jkopri l-perjodu 2011-2013. Hemm xi elementi sinifikanti ġodda li jipprovdu ħarsa ġenerali mtejba b’mod sostanzjali tas-sitwazzjoni tal-industriji tal-IPR fl-Ewropa. L-ewwel nett, l-ambitu huwa usa’ sabiex jippermetti l-inklużjoni ta’ żviluppi għall-analiżi, bħall-adeżjoni tal-Kroazja fl-2013 u ż-żieda ta’ dritt ieħor tal-IP, u varjetajiet ta’ pjanti. It-tieni nett, ir-rapport jaqbel mal-enfasi kontemporanja ta’ dawk li jfasslu l-politika fl-Ewropa u lil hinn minnha, b’kapitolu ġdid dwar l-importanza ekonomika ta’ teknoloġiji ta’ mitigazzjoni tal-bidla fil-klima (CCMTs).

F’dan l-istudju aġġornat, l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR instabu għal darb’ oħra li huma integrali għall-PDG, l-impjegji u l-kummerċ. Barra minn hekk, ir-riżultati jindikaw li l-kontribut ta’ dawn l-industriji għall-ekonomija Ewropea kiber mill-ewwel studju. Barra minn hekk l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR jidher li kampaw aħjar mal-kriżi ekonomika severa mill-ekonomija kollha kemm hi.

Dawn huma sejbiet sinifikanti li jservu biex jenfasizzaw aktar il-kontribut tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għall-prosperità u l-kompetittività tal-Ewropa. Mgħammra b'dan l-istudju aġġornat, aħna nittamaw li l-qarrejja kollha jistgħu jibbażaw fuq din l-informazzjoni biex jiżguraw il-qawwa kontinwa mhux biss tas-sistema tal-proprjetà intellettuali tagħna, iżda tal-ekonomija Ewropea li fiha instab li għandha parti vitali.



António Campinos
Direttur Eżekuttiv, EUIPO



Benoît Battistelli
President, UEP

Tim tal-Proġett Konġunt

EUIPO

Nathan Wajzman, Kap tal-Ekonomisti

Michał Kazimierzak, Ekonomist

Carolina Arias Burgos, Ekonomista

Adéla Dvořáková, Apprendista

UEP

Yann Ménière, Kap tal-Ekonomisti

Ilja Rudyk, Ekonomista

Karin Terzic, Assistenta

Rikonoxximenti

Matul it-tnejn ta' dan ir-rapport, waslu input u data utli mill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO).

L-uffiċċju tal-istatistika tal-Unjoni Ewropea, il-Eurostat, u l-uffiċċji tal-istatistika ta' Franza, il-Ġermanja, Spanja u r-Renju Unit ipprovdew għajnuna siewja sabiex jimtlew il-lakuni fl-istatistiċi ppubblikati.

L-awturi huma wkoll grati għall-kummenti dwar l-abbozz tar-rapport mid-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern tal-Kummissjoni Ewropea, l-Industrija, l-Intraprenditorja u l-SMEs; Laurence Joly, Institut National de la Propriété Industrielle; Dr Christian Rammer, iċ-Ċentru għar-Riċerka Ekonomika Ewropea, Mannheim; Dr Ardith Spence, l-Uffiċċju ta' Kontabbiltà tal-Gvern tal-Istati Uniti; u l-Professur Beth Webster, iċ-Ċentru għall-Innovazzjoni Trasformattiva, l-Università ta' Swinburne.

Dwar dan l-istudju

Wieħed mill-mandati tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (“l-Osservatorju”)¹ huwa li jipprovdi data bbażata fuq l-evidenza dwar l-impatt, ir-rwol u l-perċezzjoni pubblika ta’ proprietà intellettuali fl-ekonomija tal-Unjoni Ewropea (UE). Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv, l-Osservatorju qed iwettaq programmi ta’ studji soċjoekonomiċi. Bi-istess mod, l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (UEP) jimmira li jqajjem kuxjenza dwar l-importanza ekonomika u soċjali tas-sistema tal-privattivi.

Dan ir-rapport, imfassal bħala proġett konġunt bejn l-EUIPO u l-UEP, u li jibbenefika minn input minn uffiċċji tal-IP oħrajn, servizzi tal-Kummissjoni Ewropea u organizzazzjonijiet internazzjonali, huwa t-tieni studju ewlieni li jirriżulta minn din il-kollaborazzjoni, li jsegwi l-ewwel studju ppubblikat miż-żewġ Uffiċċji fl-2013². Dan jimmira li jipprovdi valutazzjoni aġġornata u kredibbli tal-kontribut ikkombinat ta’ industriji li jagħmlu użu intensiv mit-tipi varji tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (IPR) għall-ekonomiji tal-UE iġenerali u tal-Istati Membri individwali.

L-istudju jkopri firxa wiesgħa ta’ drittijiet tal-IP³ — trademarks, privattivi, disinj, drittijiet tal-awtur, indikazzjonijiet ġeografiċi (GIs) u drittijiet fuq varjetà ta’ pjanta (PVRs) — u jqis varjetà ta’ indikaturi ekonomiċi, b’mod partikolari l-prodott domestiku gross (PDG), l-impjeggi, il-kummerċ estern u l-pagi. Ma jagħmel l-ebda rakkomandazzjoni ta’ politika, peress li dan mhux fil-kamp ta’ applikazzjoni tiegħu. Minflok, huwa mfassal biex jipprovdi evidenza li tista’ tintuża minn dawk li jfasslu l-politika fil-ħidma tagħhom, u jservi bħala bażi għaż-żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-IP fost iċ-ċittadini tal-Ewropa.

L-istudju tal-2013 ikopri l-perjodu tal-2008-2010. Dan l-istudju jqis l-aktar perjodu riċenti li huwa dak tal-2011-2013. Sabiex tiġi żgurata l-komparabilità bejn iż-żewġ studji, inżammet il-metodoloġija użata fl-2013. Madankollu, sar għadd ta’ titjib fir-rigward tad-data sottostanti u l-metodoloġija. B’mod partikolari, issa hemm inkluż data mill-Kroazja; sitt dritt tal-IP, PVRs, ġie inkluż fl-analiżi; u d-definizzjoni ta’ industriji b’użu intensiv tad-drittijiet tal-awtur ġiet magħmula aktar konformi mal-klassifikazzjoni tal-WIPO (Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali) li hija aċċettata b’mod komuni.

Barra minn hekk, minħabba li dejjem qed jiżdied l-fokus ta’ dawk li jfasslu l-politika u l-mexxejja tan-negozju fl-Ewropa u lil hinn minnha dwar l-iżvilupp ta’ teknoloġiji biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, żdied kapitolu dwar l-importanza ekonomika ta’ teknoloġiji ta’ mitigazzjoni tal-bidla fil-klima (CCMTs). F’dan il-kapitolu, il-piż ekonomiku ta’ industriji involuti fl-iżvilupp ta’ dawn it-teknoloġiji huwa analizzat f’aktar dettall, abbażi tad-data dwar l-applikazzjonijiet għall-privattivi fl-UEP.

1 L-Osservatorju ġie ttrasferit għall-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (OHIM) skont ir-Regolament (UE) Nru 386/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ April 2012, li daħal fis-seħħ fil-5 ta’ Ġunju 2012. L-OHIM ingħata l-isem ġdid tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2015/2424 fit-23 ta’ Marzu 2016. Tul dan ir-rapport ħliet fir-referenzi biblijografiċi, jintuża l-isem il-ġdid tiegħu.

2 UAS/UEP: “Intellectual property rights intensive industries: contribution to economic performance and employment in the European Union” (Industriji intensivi fid-drittijiet ta’ proprietà intellettuali: kontribut għall-prestazzjoni ekonomika u l-impjeggi fl-Unjoni Ewropea), Settembru 2013.

3 Jista’ jkun ta’ għajjnuna biex jiġu definiti b’mod aktar ċar xi termini li jintużaw f’dan ir-rapport li huma relatati mal-IP. L-“IP” normalment hija, iżda mhux dejjem, riżultat ta’ innovazzjoni. Madankollu, hija terminu usa’ minn “IPR”, peress li din tinkludi tipi oħrajn ta’ għarfien, bħal sigrieti kummerċjali jew metodi tan-negozju. F’dan l-istudju, it-terminu “IPR” jintuża biex jirreferi għas-sitt drittijiet inklużi fl-analiżi: privattivi, trademarks, disinj rreġistrati, drittijiet tal-awtur, indikazzjonijiet ġeografiċi u drittijiet ta’ varjetajiet ta’ pjanti.

Sommarju Eżekuttiv

Sejbiet ewlenin

- L-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR iġġeneraw 27.8% tax-xogħlijiet kollha fl-UE matul il-perjodu tal-2011-2013. Bħala medja matul dan il-pejodu, ġew impjegati 60 miljun ċittadin Ewropew minn industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. Barra minn hekk, ġew iġġenerati 22 miljun impjieg f'industriji li jipprovdu prodotti u servizzi lill-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. Meta jiġu kkunsidrati l-impjegi indiretti, in-numru totali ta' impjegi li jiddependu mill-IPR jitle' għal 82.2 miljun (38.1%).
- Matul l-istess perjodu, l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR iġġeneraw aktar minn 42% tal-attività ekonomika totali (PDG) fl-UE, li tiswa EUR 5.7 triljun. Dawn kienu responsabbli wkoll għal ħafna mill-kummerċ tal-UE mal-bqija tad-dinja u iġġeneraw eċċess kummerċjali, u b'hekk għenu jżommu l-kummerċ estern tal-UE bbilanċjat.
- L-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR iħallsu pagi ferm ogħla minn industriji oħrajn, bi primjum tal-paga ta' 46% fuq industriji oħrajn. Dan huwa konsistenti mal-fatt li l-valur miżjud għal kull ħaddiem huwa ogħla f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR minn f'kull post ieħor fl-ekonomija.
- L-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR urew li huma l-aktar reżiljenti għall-kriżi ekonomika. It-tqabbil tar-riżultati ta' dan l-istudju ma' dawk tal-istudju tal-2013 juri li l-kontribut relattiv ta' dawn l-industriji għall-ekonomija tal-UE żdied xi ftit bejn iż-żewġ perjodi 2008-2010 (l-istudju tal-2013) u 2011-2013 (l-istudju tal-2016).
- Il-piż ekonomiku tal-industriji involuti fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' mitigazzjoni tal-bidla fil-klima (CCMTs) huwa analizzat f'aktar dettall. Dawn l-industriji jammontaw għal 1.2% tal-impjegi u 2.1% tar-riżultat ekonomiku fl-UE. Dawn iġġeneraw eċċess kummerċjali sostanzjali għall-UE, u kienu kapaċi jżidu l-kontribut tal-PDG tagħhom minkejja tnaqqis żgħir fl-impjegi bejn iż-żewġ perjodi, 2008-2010 u 2011-2013.

Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR fl-ekonomija tal-UE

L-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR huma definiti⁴ bħala dawk li jagħmlu użu oġhla mill-medja tal-IPR għal kull impjegat, meta mqabbla ma' industriji oħrajn li jużaw I-IPR. Kif muri fil-Kapitolu 6 u 7, dawn l-industriji huma kkonċentri f'setturi tal-manifattura, tat-teknoloġija u tas-servizzi tan-negożju.

Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li sa ċertu punt, ħafna mill-industriji jużaw id-drittijiet tal-IP. Billi dan l-istudju jiffoka biss fuq l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, juri biss il-parti mill-ekonomija Ewropea li għaliha jikkontribwixxu l-aktar id-drittijiet tal-IP⁵.

Il-kontribut ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għaż-żewġ indikaturi ekonomiċi ewlenin, l-impjeg u r-riżultat, huwa miġbur fil-qosor fit-tabelli 1 u 2⁶.

L-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR juru li iġġeneraw 27.8% tal-impjegi kollha fl-UE matul il-perjodu tal-2011-2013, b'21% f'industriji li jagħmlu użu intensiv mit-trademarks, 12% f'industriji li jagħmlu użu intensiv mid-disinn, 10% f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi, u proporzjonijiet iżgħar f'industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur, mill-GI u mill-PVR⁷. Bħala medja, matul dan il-perjodu, ġew impjegati 60 miljun Ewropew minn industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, minn figura ta' impjeg totali ta' madwar 216-il miljun. Barra minn hekk, ġew iġġenerati 22 miljun impjeg f'industriji li jipprovdu prodotti u servizzi lill-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. Meta jiġu kkunsidrati l-impjegi indiretti, in-numru totali ta' impjegi li jiddependu mill-IPR jitle' għal 82.2 miljun (38.1%).

Minbarra l-kontribut dirett tagħhom għall-impjegi, l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR jiġġeneraw ukoll impjegi f'industriji oħrajn li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR li jipprovduhom prodotti u servizzi bħala inputs għall-proċessi ta' produzzjoni tagħhom. Bl-użu ta' Tabelli Input-Output tal-UE⁸, ippubblikati mill-Eurostat, huwa possibbli li jiġi kkalkulat dan l-effett indirett fuq l-impjegi f'industriji li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR. Ir-riżultat huwa miġbur fil-qosor fit-tabella 1, li turi tqassim skont impjegi diretti u indiretti.

4 Ara l-Kapitolu 5 dwar il-"Metodoloġija".

5 Madankollu, għandu jiġi mfakkar li partijiet kbar mill-ekonomija, speċjalment is-settur pubbliku, ma jistgħux jitqiesu li jagħmlu użu intensiv mill-IPR.

6 Sabiex jitnaqqas l-impatt fuq il-lakuni tad-data fl-istatistika ekonomika u jiġi evitat l-għoti ta' importanza bla bżonn ma' sena waħda parikolari, l-indikaturi ekonomiċi ġew ikkalkulati bħala medja għas-snin 2011-2013.

7 Il-kontribut totali ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR huwa inqas mis-somma tal-kontribuzzjonijiet individwali ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mit-trademarks, mill-privattivi, mid-disinn, mid-drittijiet tal-awtur, mill-PVR u mill-GI għalix ħafna industriji huma intensivi fir-rigward ta' aktar minn dritt wieħed tal-IP. Madankollu, il-metodoloġija tal-istudju tiżgura li m'hemm l-ebda għadd doppju tal-kontribuzzjonijiet tal-industrija.

8 It-tabelli input-output juru l-flussi tal-prodotti u s-servizzi bejn l-industriji kollha fl-ekonomija.

Tabella 1

Kontribut dirett u indirett ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għall-impjegi, medja tal-2011-2013

Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	Impjieg (dirett)	Sehem mill-impjieg totali (dirett)	Impjieg (dirett+indirett)	Sehem tal-impjieg totali (dirett+indirett)
Użu intensiv mit-trademarks	45,789,224	21.2%	65,486,334	30.3%
Użu intensiv mid-disinn	25,662,683	11.9%	38,673,508	17.9%
Użu intensiv mill-privattivi	22,268,215	10.3%	36,021,154	16.7%
Użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur	11,630,753	5.4%	15,240,509	7.1%
Użu intensiv mill-GI	n/a	n/a	399,815	0.2%
Użu intensiv mill-PVR	1,018,754	0.5%	1,220,410	0.6%
L-użu kollu intensiv mill-IPR	60,032,200	27.8%	82,214,925	38.1%
Impjegi totali tal-UE			215,808,033	

Nota: minħabba l-użu li jikkoinċidi tad-drittijiet tal-IP, it-total ta' ċifri għall-IPR individwali jaqbeż iċ-ċifra totali tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR.

Apparti l-impjegi, l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR jikkontribwixxu għar-riżultat ekonomiku, kif imkejjel mill-prodott domestiku gross (PDG). B' mod ġenerali, aktar minn 42% tal-PDG tal-UE huwa ġġenerat f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, b'industriji li jagħmlu użu intensiv mit-trademark jammontaw għal 36%, industriji li jagħmlu użu intensiv mid-disinn jammontaw għal 13%, industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi jammontaw għal 15%, industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur jammontaw għal 7% u industriji li jagħmlu użu intensiv mill-GI u l-PVR jammontaw għal proporzjonijiet iżgħar. Il-kapitolu 6 jipprovdi tqassim aktar dettaljat tal-kontribuzzjonijiet ta' dawn l-industriji għall-ekonomiji nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE.

Tabella 2

Kontribut ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għall-PDG, medja tal-2011-2013

	Valur miżjud / PDG (€ miljun)	Sehem tat-total tal-PDG tal-UE
Industriji li jagħmlu użu intensiv mit-trademarks	4,812,310	35.9%
Industriji li jagħmlu użu intensiv mid-disinn	1,788,811	13.4%
Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi	2,035,478	15.2%
Industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur	914,612	6.8%
Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-GI	18,109	0.1%
Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-PVR	51,710	0.4%
L-industriji kollha li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	5,664,168	42.3%
PDG tal-UE totali:	13,387,988	

Nota: minħabba l-użu li jikkoinċidi tad-drittijiet tal-IP, it-total ta' ċifri għall-IPR individwali jaqbeż iċ-ċifra totali tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR.

It-tqabbil tar-riżultati ta' dan l-istudju ma' dawk tal-istudju tal-2013 juri li l-kontribut ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għall-ekonomija tal-UE kien kemmxejn oġġla fil-perjodu tal-2011-2013 milli fil-perjodu tal-2008-2010. Madankollu, it-tqabbil jikkomplika ruħu bil-fatt li s-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali u Reġjonali (ESA) użata mill-Eurostat ġiet aġġornata bejn dawn iż-żewġ perjodi⁹. Dan l-aġġornament kellu l-effett li jżid il-kontribut għall-PDG tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur inbidlet biex tirrifletti aktar b'mod sħiħ il-metodoloġija tal-WIPO, li żżid ukoll il-kontribut tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. Fit-tabella 3, il-figuri tal-2008-2010 ġew ikkalkolati mill-ġdid bl-użu tal-ESA 2010 il-ġdida u tad-definizzjoni l-ġdida tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur sabiex jintwera l-impatt ta' dawn il-bidliet.

Tabella 3

Tqabbil tar-riżultati ewlenin: studju tal-2013 vs. studju tal-2016

Kontribut tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	studju tal-2013 (oriġinali)	studju tal-2013 (ESA tal-2010 ġdida, definizzjoni ġdida tad-drittijiet tal-awtur, PVRs)	studju tal-2016
Impjeg (dirett)	25.9%	27.6%	27.8%
PDG	38.6%	42.1%	42.3%
Importazzjonijiet	88.3%	<i>mhux ikkalkolati</i>	85.0%
Esportazzjonijiet	90.4%	<i>mhux ikkalkolati</i>	93.2%

L-ewwel kolonna fiha r-riżultati rrappurtati fl-istudju tal-2013 għall-perjodu tal-2008-2010. It-tieni kolonna tikkalkula mill-ġdid ir-riżultati tal-2013 għall-istess perjodu filwaqt li jitqiesu d-definizzjonijiet kontabilistiċi nazzjonali l-ġodda, il-metodoloġija tal-WIPO għad-drittijiet tal-awtur u l-inklużjoni tal-PVRs. It-tielet kolonna tippreżenta r-riżultati tal-istudju preżenti (għall-perjodu tal-2011-2013) u għalhekk hija simili b'mod dirett għat-tieni kolonna.

Għalhekk, anke wara li jitqiesu l-effetti tar-reviżjonijiet statistiċi, il-kontribut tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR żdied bejn iż-żewġ perjodi 2008-2010 (studju tal-2013) u 2011-2013 (studju tal-2016).

Hemm ukoll indikazzjonijiet li matul il-kriżi ekonomika, l-impjeg f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR inżamm ferm aħjar mill-impjeg b'mod ġenerali. L-impjegji totali fl-UE naqsu minn 219.6 miljun fl-2008-2010 għal 215.8 miljun fl-2011-2013, tnaqqis ta' 1.7%, filwaqt li l-impjegji f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR naqsu minn 60.6 miljun għal 60.0 miljun, jew b'1%. F'termini relattivi, it-tnaqqis fl-impjegji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR kien ferm iżgħar mit-tnaqqis fl-impjeg b'mod ġenerali.

Peress li 42.3% tal-PDG (valur miżjud) fl-ekonomija u 27.8% tal-impjegji huwa ġġenerat f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, il-valur miżjud għal kull impjegat huwa oġġla f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR milli fil-bqija tal-ekonomija. It-teorija ekonomika tissuġġerixxi li, meta kull ħaġa oħra tkun l-istess, l-industriji li fihom il-ħaddiem medju jipproduċi aktar valur miżjud jistgħu jkunu mistennija li jħallsu lill-ħaddiema tagħhom pagi oġġla minn industriji oħrajn. Huwa għalhekk interessanti li jiġi eżaminat jekk dan il-valur miżjud oġġla huwiex rifless fil-pagi relattivi fl-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR.

Il-pagi f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR huma fil-fatt oġġla minn dawk f'industriji li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR. Il-paga medja ta' kull ġimgħa f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR hija EUR 776, meta mqabbla ma' EUR 530 f'industriji li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR - differenza ta' 46%. Il-"primjum tal-paga" huwa 31% f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-GI, 38% f'industriji li jagħmlu użu intensiv mid-disinn, 48% f'industriji li jagħmlu użu intensiv mit-trademark, 64% f'industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur u 69% f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi.

Tabella 4
Spiża medja fuq il-persunal f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, 2013

Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	Spiża medja tal-persunal (EUR fil-ġimgħa)	Primjum (imqabbel ma' industriji li ma jagħmlux użu intensiv mill-IP)
Użu intensiv mit-trademarks	783	48%
Użu intensiv mid-disinn	732	38%
Użu intensiv mill-privattivi	895	69%
Użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur	871	64%
Użu intensiv mill-GI	692	31%
Użu intensiv mill-PVR*	n/a	n/a
L-industriji kollha li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	776	46%
L-industriji li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR	530	
L-industriji kollha (inklużi fl-SBS**)	629	

*Mhux ikkalkolata minħabba n-nuqqas ta' statistiċi dwar il-paga għall-agrikoltura

**Statistiċi tan-Negozju Strutturali ppubblikati mill-Eurostat

Meta mqabbel mas-sitwazzjoni fl-2010 (kif irrappurtat fl-istudju tal-2013), il-primjum tal-paga żdied b'mod ġenerali, minn 41% għal 46%, li jirrifletti ż-żidiet fil-primjums tal-pagi għal industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi, mit-trademark u mid-disinn.

Huwa eżaminat ukoll ir-rwol li jaqdu l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR fil-kummerċ estern tal-UE. Il-maġġoranza l-kbira tal-kummerċ tal-UE huwa f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. Jista' jitqies pjuttost sorprendenti mal-ewwel daqqa t'għajin li sehem għoli bħal dan ta' kummerċ jagħmel użu intensiv mill-IPR. Dan għaliex anke l-industriji li jipproduċu komoditajiet bħall-enerġija jagħmlu użu intensiv mill-IPR¹⁰, filwaqt li mill-banda l-oħra, ħafna attivitajiet li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR huma wkoll mhux negozjabbli¹¹. Għal din ir-raġuni, 86% tal-importazzjonijiet tal-UE jikkonsistu fi prodotti ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. Madankollu, industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR huma saħansitra responsabbli għal sehem mill-esportazzjonijiet tal-UE ogħla, ta' 93%.

Fl-2013, l-UE kollha kemm hi kellha defiċit kummerċjali ġenerali ta' madwar EUR 42 biljun, jew 0.3% tal-PDG. B'kuntrast, kellha eċċess kummerċjali ta' EUR 96 biljun mal-bqija tad-dinja f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. Dan huwa tiġib notevoli fuq is-sitwazzjoni ta' tliet snin qabel, kif irrappurtat fl-istudju tal-2013. Fl-2010, l-UE kollha defiċit kummerċjali f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR ta' EUR 126 biljun.

It-tabella 5 tiġbor fil-qosor il-kummerċ f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, abbażi ta' data mill-2013¹².

10 Iż-żewġ industriji li jinsabu fid-diviżjoni tan-NACE 06 (estrazzjoni ta' petrolju mhux raffinat u gass naturali) jagħmlu użu intensiv mill-privattivi.

11 Pereżempju, industriji ta' servizzi bħal dawk inklużi fid-diviżjoni tan-NACE 86 (attivitajiet tas-saħħa tal-bniedem) jew 96 (attivitajiet tas-servizzi personali oħrajn). Servizzi bħal dawn jiġu ġeneralment ikkunsmati fil-punt tal-produzzjoni.

12 Bħal fil-każ tal-kalkoli tal-impjeggi u tal-PDG, iċ-ċifri għad-drittijiet tal-IP individwali ma jammontawx għaċ-ċifra ġenerali għall-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR minħabba l-fatt li ħafna industriji jagħmlu użu intensiv f'aktar minn dritt wieħed tal-IP. Madankollu, il-metodoloġija tal-istudju tiżgura li m'hemm l-ebda għadd doppju tal-kontribuzzjonijiet tal-industrija.

Tabella 5

Kummerċ estern tal-UE f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, 2013

	Esportazzjonijiet (EUR miljun)	Importazzjonijiet (EUR miljun)	Esportazzjonijiet netti (EUR miljun)
Industriji li jagħmlu użu intensiv mit-trademarks	1,275,472	1,261,002	14,470
Industriji li jagħmlu użu intensiv mid-disinn	945,084	701,752	243,332
Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi	1,231,966	1,157,909	74,057
Industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur	119,554	102,389	17,165
Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-GI	12,923	1,335	11,588
Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-PVR	5,065	5,369	-304
It-total tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	1,605,516	1,509,099	96,417
L-industriji li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR	117,561	256,048	-138,487
KUMMERĊ TOTALI TAL-UE	1,723,077	1,765,147	-42,069

Nota: minħabba l-użu li jikkoinċidi tad-drittijiet tal-IP, it-total taċ-ċifri għall-IPR individwali jaqbeż iċ-ċifra totali tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR.

It-titjib fil-bilanċ tal-kummerċ tal-UE huwa spjegat b'żieda ta' 27% fl-esportazzjonijiet bejn l-2010 u l-2013, filwaqt li l-importazzjonijiet żdiedu biss b'15% matul l-istess perjodu. Għal industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, l-esportazzjonijiet żdiedu bi 30%, filwaqt li l-importazzjonijiet żdiedu bi 11%. L-industriji li jagħmlu użu intensiv mid-disinn juru l-ogħla żieda fl-esportazzjonijiet netti u huma l-industriji bl-ogħla eċċess kummerċjali.

Fl-aktar mill-qrib lejn l-attività ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR fis-Suq Uniku tal-UE tikxef tqassim tax-xogħol bejn l-UE u l-Istati Membri. Pajjiżi bħall-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands u l-Iżvezja huma ogħla mill-medja tal-UE f'termini tal-ħolqien tal-IPR għal kull impjegat. Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR fi Stati Membri tal-UE oħrajn, bħall-Ungerija, ir-Rumanija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u l-Irlanda għandhom proporzjon għoli ta' impjegati li huma attribwiti għal kumpaniji bbażati f'pajjiżi oħrajn. B'mod ġenerali, 20.5% tal-impjegati tal-UE f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR huma oġġenerati f'sussidjarji ta' kumpaniji barranin, li l-maġġoranza tagħhom joriġinaw minn pajjiż ieħor tal-UE. Dan il-proporzjon huwa saħansitra ogħla f'industriji li jagħmlu użu intensiv mit-trademark, mid-disinn u mill-privattivi.

Tabella 6

Sehem ta' impjegi f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR attribwit għal kumpaniji barranin 2011-2013, medja tal-UE

Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	Sehem tal-UE	Sehem mhux tal-UE	Sehem mhux domestiku totali
Użu intensiv mit-trademarks	11.6%	8.9%	20.5%
Użu intensiv mid-disinn	13.2%	9.4%	22.7%
Użu intensiv mill-privattivi	14.4%	11.5%	25.8%
L-użu kollu intensiv mill-IPR	11.8%	8.7%	20.5%

Nota: kumpanija „barranija“ hija kumpanija li l-kwartieri ġenerali tagħha jinsabu f'pajjiż ieħor.

Finalment, id-data tal-privattivi tintuża biex tidentifika industriji li huma attivi f'teknoloġiji ta' mitigazzjoni tal-bidla fil-klima (CCMTs), li huma ta' importanza partikolari għall-ekonomija tal-UE. B'mod ġenerali, 5.9% tat-total tal-privattivi Ewropej ikkunsidrati kienu relatati mas-CCMTs matul il-perjodu tal-2004-2008, u dan is-sehem żdied għal aktar minn 9% sal-2013. L-industriji li huma intensivi fis-CCMT jammontaw għal 1.2% tal-impjegi u 2.1% tar-riżultat ekonomiku fl-UE. Il-prestazzjoni tagħhom bejn iż-żewġ perjodi, dak tal-2008-2010 (studju tal-2013) u dak tal-2011-2013 (studju tal-2016) qabżet sew il-prestazzjoni globali ekonomika tal-industriji Ewropej. L-industriji li jagħmlu użu intensiv mis-CCMT kienu kapaċi jżidu l-kontribut tal-PDG tagħhom b'biss ftit tnaqqis fl-impjegi fil-perjodu tal-2011-2013. Dan il-grupp ta' industriji għandu wkoll rwol importanti fil-kummerċ estern tal-UE. Fl-2013, dawn iġġeneraw eċċess kummerċjali sostanzjali ta' aktar minn EUR 102 biljun għall-UE. Dawn iċ-ċifri huma subsett tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi u b'hekk huma diġà inklużi fiċ-ċifri ġenerali fit-tabelli preċedenti.

Metodoloġija u data

Il-metodoloġija bażika ta' dan l-istudju hija l-istess bħal dik użata fl-istudju tal-2013. Madankollu, biex dan ir-rapport isir awtoinkorporat, parti kbira minnu, b'mod speċifiku l-Kapitolu 5 u l-Appendiċi 11, hija devota għad-dokumentazzjoni tal-metodoloġija tal-istudju, għal żewġ raġunijiet ewlenin:

- 1) Minħabba l-kumplessità tal-indirizzar ta' ammont kbir ta' data minn 28 Stat Membru, li tinsab f'diversi bażijiet ta' data kbar, kienet meħtieġa metodoloġija ta' tqabbil tad-data ġdida u sofistikata;
- 2) Fl-interess tat-trasparenza, kien importanti li tiġi pprovduta deskrizzjoni kemm jista' jkun tajba tal-metodoloġija.

Karatteristika oħra distintiva ta' dan l-istudju hija l-varjetà wiesgħa tal-bażijiet tad-data u sorsi oħrajn tad-data li ntużaw biex jiġi ddeterminat liema industriji jagħmlu użu intensiv mill-IPR u biex jiġi vvalutat il-kontribut tagħhom għall-impjegi, il-PDG u indikaturi ekonomiċi oħrajn. Fil-Kapitolu 4 hemm lista sħiħa.

Barra minn hekk, fejn meħtieġ, intużat data ta' pajjiż terz speċifika għall-industrija, b'mod partikolari f'konnessjoni mal-istima tal-kummerċ fi prodotti tal-GI.

Sabiex jiġi ddeterminat liema industriji jagħmlu użu intensiv mill-IPR, il-bażijiet tad-data tar-reġistru tal-EUIPO, l-UEP u s-CPVO tqabblu mal-bażi tad-data kummerċjali ORBIS¹³. Il-bażi tad-data mqabbla li tirriżulta fiha data fuq bejn wieħed u ieħor 240,000 kumpanija, inkluż in-numru ta' trademarks tal-UE, disinni tal-Komunità rreġistrati, privattivi u CPVRs li jiġu applikati minn kull kumpanija u jingħataw sussegwentement, flimkien mal-klassifikazzjoni tal-industrija u diversi varjabbli finanzjarji u ekonomiċi għal kull waħda, li jipprovdut sett ta' data li jista' jintuża fi studji futuri u aktar dettaljati.

13 ORBIS je databáza finančných informácií o európskych obchodných spoločnostiach spravovaná spoločnosťou Bureau van Dijk, ktorá vychádza z údajov získaných z podaní spoločností v obchodných registroch alebo podobných záznamoch v rozličných krajinách. Obsahuje tak údaje o všetkých spoločnostiach bez ohľadu na to, či sú kótované na burze alebo nie (čo obvykle platí o MSP).

Bl-użu ta' din il-bażi tad-data, in-numru ta' trademarks, disinj, privattivi u PVRs għal kull impjegat ġie kkalkulat għal kull industrija, u l-industriji li kienu oġġa mill-medja skont din il-miżura tqiesu li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. Dan il-kalkolu twestaq fil-livell tal-UE, mingħajr ma tqiesu l-preżentazzjonijiet nazzjonali mill-kumpaniji fil-bażi tad-data. Dan l-approċċ, parzjalment magħmul neċessarju mil-limitazzjonijiet tad-data, huwa madankollu ġġustifikat mis-suppożizzjoni li industrija li hija definita bħala waħda li tagħmel użu intensiv mill-IPR abbażi tar-reġistrazzjoni tagħha tad-drittijiet tal-IP fil-livell tal-UE se titqies ukoll bħala waħda li tagħmel użu intensiv mill-IPR jekk id-drittijiet nazzjonali tal-IP għal kull impjegat ikunu ġew inklużi wkoll¹⁴.

Suppożizzjoni fundamentali wara l-metodoloġija użata f'dan l-istudju hija li kemm industrija tagħmel użu intensiv mill-IPR hija karatteristika intrinsika ta' dik l-industrija, irrispettivament ta' fejn tinsab¹⁵. Fil-valutazzjoni tal-kontribut ta' kull industrija għall-ekonomija, dak li jkun qed jitkejjel huwa l-impjegati u l-PGD iġġenerati minn dik l-industrija f'kull Stat Membru u fl-UE, u mhux l-orijini tal-IPR sottostanti.

Pereżempju, jekk kumpanija tal-karozzi bbażata f'pajjiż A tibni impjant tal-assemblaġġ f'pajjiż B, l-impjegati u l-valur miżjud li jinħolqu b'riżultat ta' dan jiżdiedu mal-ekonomija ta' pajjiż B. Għalhekk, ma tista' tinstilet l-ebda konklużjoni dwar kemm pajjiż partikolari huwa innovattiv fuq il-bażi tal-kontribuzzjonijiet fil-livell tal-pajjiż ta' industriji li jagħtu inċentiv għall-IPR biss. Fl-eżempju t'hawn fuq, l-oġġa kontribuzzjoni ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi f'pajjiż B hija riżultat ta' deċiżjonijiet dwar fejn għandha tiġi allokata l-produzzjoni tal-vetturi, iżda l-R&Ż sottostanti setgħu twestqu f'pajjiż A jew tabilħaqq f'pajjiż ieħor għalkollox.

Biex jinxtēhet ftit dawl fuq din il-kwistjoni, il-Kapitolu 8 juri f'liema pajjiżi l-privattivi, it-trademarks, id-disinj u l-PVRs fil-bażi tad-data użata għal dan l-istudju joriġinaw u jippreżenta statistiċi dwar il-proporzjon tal-impjegati f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR f'kull Stat Membru li jinħolqu f'kumpaniji bbażati fi Stati Membri oħrajn jew barra mill-UE.

Għal industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur, il-metodoloġija ta' WIPO ġiet applikata b'mod aktar sħiħ minn kif kienet fil-korp tal-istudju tal-2013. Sabiex ikun jista' jsir tqabbil ma' studju aktar bikri ppubblikat fl-Uffiċċju tal-Privattivi u t-Trademarks tal-Istati Uniti (USPTO), f'dak l-istudju preċedenti ġie inkluż biss subsett ta' industriji meqjusin mill-WIPO bħala li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur (ir-riżultati bbażati fuq il-metodoloġija sħiħa tal-WIPO ġew ipprovduti f'anness). B'kuntrast, fl-istudju preżenti, il-klassifikazzjoni tal-WIPO hija applikata b'mod aktar sħiħ, sabiex minbarra l-industriji kklassifikati mill-WIPO bħala "industriji ewlenin tad-drittijiet tal-awtur", jiġu inklużi wkoll numru ta' industriji "parzjalment dedikati", jiġifieri dawk li għalihom mill-inqas 20% tal-valur miżjud tagħhom jista' jiġi attribwit għal attivitajiet relatati mad-drittijiet tal-awtur¹⁶. L-effett nett huwa li n-numru ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur żdied b'46 (minn 33 fl-istudju tal-2013 għal 79 issa), filwaqt li n-numru totali ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR żdied b'21, minn 321 fl-istudju preċedenti għal 342 f'dan l-istudju. Il-metodoloġija għal industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur hija spjegata bis-sħiħ f'taqsimu 5.6.

Bl-istess mod, minħabba n-natura partikolari tal-GIs u l-PVRs u n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' data statistika diżaggregata fil-livell Ewropew, dawn iż-żewġ drittijiet tal-IP kellhom jiġu analizzati bl-użu ta' metodoloġiji personalizzati, li huma deskritti fit-taqsimijiet 5.7 u 5.8 rispettivament.

14 Din is-suppożizzjoni inżammet għall-finijiet tal-komparabilità mal-istudju tal-2013. Madankollu, il-kwisjoni ta' drittijiet nazzjonali kontra dawk fil-livell tal-UE tista' tiġi indirizzata fi studji futuri biex jiġi eżaminat jekk l-inklużjoni tad-drittijiet nazzjonali tagħtix riżultati differenti.

15 L-eċċezzjoni hija l-GI, li tiġi analizzata fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż.

16 Il-valur miżjud totali f'dawn l-industriji huwa skalat bl-użu tal-fatturi tal-WIPO sabiex jiġu esklużi attivitajiet mhux relatati mad-drittijiet tal-awtur.

www.epo.org/ip-intensive-industries
www.euipo.europa.eu/ipcontribution

www.epo.org
www.euipo.europa.eu

